

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-28 ta' Marzu 2019 — Pometon vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-433/16) ⁽¹⁾

("Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Ewropew tal-barraxa tal-azzar — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Koordinazzjoni tal-prezzijiet fiż-ŻEE kollha — Proċedura 'ibrida' matul perijodu miffrux — Preżunzjoni ta' innoċenza — Princípiju ta' imparzialità — Karta tad-Drittijiet Fundamentali — Prova tal-ksur — Ksur uniku u kontinwu — Restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan — Tul tal-ksur — Multa — Adattament eċċeżżjonali tal-ammont bażiku — Obbligu ta' motivazzjoni — Proporzjonalità — Ugwaljanza fit-trattament — Ġurisdizzjoni sħiħa")

(2019/C 164/43)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Pometon SpA (Maerne di Martellago, l-Italja) (rappreżentanti: E. Fabrizi, V. Veneziano u A. Molinaro, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Rossi u B. Mongin, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni C (2016) 3121 final tal-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2016 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39792 — Barraxa tal-azzar).

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni C (2016) 3121 final tal-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2016 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39792 — Barraxa tal-azzar), huwa annullat.
- 2) L-ammont tal-multa imposta fuq Pometon SpA huwa ffissat għal EUR 3 873 375.
- 3) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 4) Kull parti għandha tħalli l-ispejjeż rispettivi tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 371, 10.10.2016.